MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2004

Avviz Numru. 576/2002

**Avviz numru 576/2002DM**

**Cutajar Limited**

**Vs**

**John Gatt**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' Lm2808.67 (elfejn tmien mija u tmien liri Maltin u sebgha u sittin centezmu) rapprezentanti ammont bilancjali lilhu dovuta ghall-merkanzija konsistenti f'appartat tal-Hifi mibjugh u kkonsenjata lill-konvenut.

Bl-ispejjez tal-avviz, tal-ittra interpellatorja tal-15 ta' Lulju 2002, u bl-imghax legali mit-13 ta' Marzu 2002 data ta' l-ahhar konsenja skond ma jirrizulta mill-istatement anness

mal-avviz Dok A sal-effettiv pagament kontra il-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l- konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Rat ukoll in-nota prezentata mill-kumpanija attrici permezz ta’ liema hija rriduciet it-talba taghha ghas-somma ta’ Lm2748.67 (elfejn seba’ mija u tmienja u erbghin lira Maltin u seba’ u sittin centezmu) stante pagament ta’ Lm60 (sittin lira Maltin) fil-mori tal-kawza.

Ghaldaqstant issib illi t-talba attrici ghall-ammont kif ridott tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qeghda tilqa t-talba attrici u ghar-ragunijiet indikati fl-avviz qedgha tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma ridotta ta’ Lm2748.67 (elfejn seba’ mija u tmienja u erbghin lira Maltin u seba’ u sittin centezmu) bl-imghax legali b’effett mit-13 ta’ Marzu tas-sena 2002; u

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------